MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2007

Avviz Numru. 39/2007

**Maltaco Lotteries Limited**

**vs**

**Pierre Galea**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna ta' l-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jikkonsenja lir-rikorrenti l-apparat proprjeta' tas-socjeta attrici mizmum mill-konvenut Galea illegalment u abusivament u fin-nuqqas illi huwa jikkonsenja l-imsemmi apparat fi zmien lilu moghti, jhallas il-valur ta' l-istess apparat li jigi ffissat gudizzjarjament u imghaxijiet legali fu ql-istess ammont in linea ta' danni, u dan min-notifika ta' dan**

**ir-rikors, bl-ispejjez kontra tieghu u huwa ngunt ghas-subizzjoni u dan b'riserva ta' kwalunkwe azzjoni ohra kontra tieghu ghad-danni ulterjuri minhabba telf ta' uzu;**

**Innotat li l-konvenut baqa' kontumaci;**

**Semghet lix-xhieda prodotta;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi fil-vertenza odjerna qieghed jintalab is-segwenti;**

**1. jew il-konvenut jikkonsenja lill-attur l-apparat meritu tal-kawza;**
**2. jew li jhallas il-valur tieghu;**

**Illi skond ix-xhieda prodotta l-valur ta' l-apparat de quo jammonta komplessivament ghal elfejn, hames mija u sittin Lira Maltin u sitt centezmi, (LM2,560.06,0), (ara fol 7 u 9);**

**Illi fin-nuqqas ta' l-intervent tal-konvenut, ghalkemm debitament notifikat, tilqa' t-talba attrici;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li :**

**1. Tordna lill-konvenut Pierre Galea biex jirritorna l-oggetti ndikati a fol 9 lis-socjeta' attrici Maltco Lotteries Limited fi zmien tlett (3) gimghat mil-lum;**

**2. Illi fin-nuqqas biex il-konvenut fuq indikat ihallas lill-istess socjeta' l-ammont ta' elfejn, hames mija u sittin Lira Maltin u sitt centezmi, (Lm2,560.06,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------